

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 296/2015

tal-11 ta' Diċembru 2015

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) għall-Ftehim ŻEE [2017/1807]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1310 tat-28 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE dwar l-istatus ta' mingħajr mard għat-territorju kollu tal-Kroazja fir-rigward tal-marda tal-vajrus tal-erpeta tal-koi (KHV) ⁽¹⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1356 tal-4 ta' Awwissu 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2007/453/KE fir-rigward tal-istatus tal-BSE tar-Repubblika Ċeka, ta' Franza, ta' Ċipru, tal-Liechtenstein u tal-Iżvizzera ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni rigward kwistjonijiet veterinarji. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji ma tapplikax għal-Liechtenstein dment li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tiġi estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (4) L-Anness I tal-Ftehim ŻEE għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż segwenti jiżdied fil-punt 89 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/177/KE) fil-Parti 4.2:

“— **32015 D 1310:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1310 tat-28 ta' Lulju 2015 (ĠU L 200, 30.7.2015, p. 17).”

2. L-inċiż segwenti jiżdied fil-punt 49 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE) fil-Parti 7.1:

“— **32015 D 1356:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1356 tal-4 ta' Awwissu 2015 (ĠU L 209, 6.8.2015, p. 5).”

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1310 u (UE) 2015/1356 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

⁽¹⁾ ĠU L 200, 30.7.2015, p. 17.

⁽²⁾ ĠU L 209, 6.8.2015, p. 5.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2015.

Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda SLETNES
